# Tifkira tas-70 anniversarju tal-akbar traġedja fuq il-baħar f'Għawdex

*M.Assunta Grima*



Matul il-medda tas-snin seħħew u għadhom iseħħu ġrajjiet ta' ferħ kif ukoll ta' niket. Imma l-ġrajjiet ta' niket donnhom ma jintesew qatt u jibqgħu mfakkra kull sena. Waħda minn dawn il-ġrajjiet hija magħrufa l-akbar traġedja li seħħet fil-baħar f'Għawdex, għaliex fiha tilfu ħajjithom 23 ruħ kollha Għawdxin minbarra wieħed, li kien Malti.

Fis-sena 1948 ħafna Għawdxin kienu jaħdmu Malta u nhar ta' Sibt filgħaxija kienu jerġgħu lura lejn Għawdex mal-vapur Banċinu mal vjaġġ tas-2.30pm. Kien is-sibt tal-31 ta' Ottubru tas-sena 1948 u bosta Għawdxin riedu jerġgħu lura lejn Għawdex. Grupp ta' 27 Għawdxin li riedu jmorru lura lejn Għawdex ma laħqux il-vapur Banċinu li kien qed jaħdem minn San Pawl il-baħar minflok mill-Marfa għax dakinhar kien il-maltemp. Dawn in-nies għamlu li setgħu biex imorru lejn Għawdex. Għalhekk sar ftehim biex xi luzzu jmur minn Għawdex għall-Marfa biex iġibhom lura. Dan kien luzzu tas-sajd, li ma kienx kbir ħafna u kien immexxi minn żewġt irġiel Għawdxin. Il-luzzu telaq għal ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija, l-ajru kien imsaħħab u r-riħ kien ilbiċ moderat. Dak il-ħin il-vapur kien għadu kemm wasal minn San Pawl il-baħar u fuqu kellu madwar 250 ruħ, kollha ħaddiema Għawdxin, imma b' xorti ħażina l-grupp ta' 27 ruħ ma kinux laħquh. Għalhekk huma krew xarabank li wasslithom sal-Marfa fejn qagħdu jistennew il-luzzu ġej għalihom. Dawn in-nies ħadu r-ruħ x' ħin raw il-luzzu jitrakka mal-moll tal-Marfa. Kollhom ferħana telgħu fuq il-luzzu u telqu lejn Għawdex u billi kien il-maltemp, għadda minn wara Kemmuna. Madwar tlett kwarti wara l-luzzu wasal Ħondoq ir-Rummien. Ir-riħ żdied u kien faċċata tagħhom. Il-patrun (dak li jmexxi luzzu) ġieħ dubju jekk ikomplix il-vjaġġ sax-xatt tal-Imġarr. Huwa qal lill-passiġġieri li jkun aħjar li jintrakka mal-moll ta' Ħondoq ir-Rummien. Ħafna minn dawn il-passiġġieri ma qablux miegħu għax riduh ikompli sal-Imġarr. Kontra qalbu l-patrun kellu jkompli l-vjaġġ kif riedu huma. Kien dalam sewwa u r-riħ li kien ilbiċ żdied ħafna







wkoll. Ftit minuti wara li l-luzzu telaq minn Ħondoq ir-Rummien wasal ħdejn blata magħrufa l-blata taċ-Ċawl. Hawn il-patrun induna li qed jidħol l-ilma fil-luzzu minħabba ċ-ċaqlieq qawwi u f'daqqa waħda l-luzzu niżel fl-ilma u għereq u l-passiġġieri sabu ruħhom fil-baħar. Huma tħabtu ħafna biex isalvaw imma erba' rġiel biss irnexxilhom jgħumu sal-blat u telgħu l-art. Wieħed minnhom kompla jixxabbat mal-blat u tela' sa fuq imxarrab u għajjien u kompa sejjer bil-mixi sal-għassa tal-Qala biex jagħti l-aħbar li l-luzzu li kienu fuqu kien għereq. Il- Pulizija tal-Qala ċemplu l-Għassa tax-xatt tal-imġarr ukoll. Dawn il-pulizija tax-xatt marru Ħondoq ir-Rummien biex jagħtu l-għajnuna lil dawk it-tlieta l-oħra li baqgħu fuq il-blat mejtin bil-bard u mxarrbin. Bil-għajnuna t'Alla dawn ġew salvati.

Jumejn wara l-katavri tal-passiġġieri li għerqu telgħu fil-wiċċ tal-baħar. Daħluhom fil-port tal-Imġarr u ħaduhom l-isptar. Dak iż-żmien l-isptar kien l-isptar il-qadim. Kien hemm 23 katavru minn diversi rħula Għawdxin.

Wara traġedja bħal din, Għawdex waqa' f'luttu kbir. L-għada li ħaduhom l-isptar sar il-funeral tagħhom fil-katidral ta' Għawdex.

Kienet tasew diżgrazzja fil-baħar li ħatfet ir-ruħ ta' 23. Il-familjari ta' dawn il-vittmi baqgħu dejjem isofru t-telfa tagħhom u ħadd ma seta' jsabbarhom.

Din kienet tassew diżgrazzja kbira u ta' kull sena fil-31 ta' Ottubru ssir ċerimonja fuq il-post fejn ġrat din id-diżgrazzja. Dawk li jieħdu sehem joffru talb għal ruħhom u bħala rispett lejhom huma jitfgħu bukketti tal-fjuri fil-baħar.

